





# Ċentinarji u Anniversarji ta' interess għal Ħal Balzan għas-Sena 2009

miġbur minn Guido Lanfranco

## 300 sena ilu (1709)

Fl-1709 ix-xogħol fil-bini tal-knisja parrokkjali ġdida kien lest, inkluż il-kampnar, imma l-knisja diġà kienet tbierket f'Jannar 1693 biex tibda tintuża u kkonsagrata fl-1781. Il-knisja oriġinali tal-Lunzjata li bdiet tiffunzjona bħala knisja parrokkjali meta Ħal Balzan sar parroċċa fl-1655 kienet tifforma sehem minn grupp ta' tliet knejjes żgħar.[1]

Fl-20 ta' Mejju 1709 l-isqof Davide Cocco-Palmieri għamel viżta pastorali f'Ħal Balzan meta l-knisja kienet għadha kemm tlestiet u nnota li l-inkwatru titulari kien diġà ttieħed fil-knisja l-ġdida, li l-kampnar u l-koppla kienu lesti u qanpiena ġdida fil-kampnar. Minflok fejn hemm il-pittura ta' San Pawl Eremita kien hemm Kurċifiss kbir. Innota wkoll li kien hemm inkwatru ġdid tal-Viżitazzjoni li tħallas minn Dun Mario Bellia.[2]

Fuq l-altar tal-Kurċifiss, f'Settembru 1709 bdiet issir il-festa tal-Eżaltazzjoni tas-Salib.[3]

## 250 sena ilu (1759)

Il-mezzana minn fost tliet qniepen saritilha l-ħsara u tqabbad il-ħaddied Mastru Dimech minn Birkirkara biex isewwiha.[4]

## 200 sena ilu (1809)

B'digriet tal-isqof Ferdinando Mattei sar kappillan ta' Ħal Balzan Dun Pietro Paolo Psaila li twieled Ħaż-Żebbuġ fl-1781; ħa l-pussess lejlet il-festa tal-Lunzjata.[5]

L-isqof Mattei għamel viżta pastorali f'Ħal Balzan fit-12 ta' Novembru 1809. Żar il-knejjes iż-żgħar, amministra l-griżma, liebes stola sewda, u bierek l-oqbra taċ-ċimiterju.[6]

## 150 sena ilu (1859)

Fid-9 ta' Marzu 1859 tneħħiet il-pittura titulari u minflokha poġġew waħda ġdida ta' Giuseppe Calleja li tbierket mill-kappillan. Dik li tneħħiet għamluha bħala soffitt fis-sagristija l-antika.[7]

## 75 sena ilu (1934)

Fis-27 ta' Awwissu 1934 in-niċċa tat-triq kantuniera bejn Triq Sisner u Triq San Valentinu ngħatat indulġenzi mill-isqof għal kull min jitlob quddiemha. Din tirrappreżenta lill-Madonna tal-Abbandunati magħmula mill-iskultur Wiġi Muscat minn Ħal Balzan. Din hi bbażata fuq il-pittura titulari tal-knisja tal-Madonna tal-Abbandunati tal-Wardija. Dik il-knisja, kif ukoll id-dar (Villa Piscopo Macedonia) li magħha hemm in-niċċa kienu proprjetà tal-konti Bernardo Piscopo Macedonia.[8]

## 60 sena ilu (1949)

Fl-ewwel ta' Jannar 1949 l-isqof Michele Gonzi bierek il-qanpiena l-kbira li ssemmiet Maria Anna. L-għada ttellgħet fil-kampnar, daqqewha u magħha komplew l-erba' qniepen l-oħra waqt li fil-knisja tkanta t-*Te Deum*.[9]

## 50 sena ilu (1959)

Fit-22 ta' Marzu 1959 ġiet uffiċjalment stabbilita l-fratellanza tad-Duluri u tbierket il-pittura tad-Duluri li pinġa Emvin Cremona. Din il-pittura tqiegħdet fuq l-altar li qabel kien ta' San Ġwakkin. Is-sena ta' qabel ġiet iffurmata l-fratellanza tad-Duluri imma ma kellhiex altar. Billi San Ġwakkin diġà kien jidher inkluż fl-inkwatru ta' Sant' Anna, l-altar tiegħu ġie mgħoddi lill-fratellanza tad-Duluri.[10]

Il-fratellanza ta' San Mikiel ma kellhiex fondi biex tagħmel statwa tal-qaddis tagħha imma f'din is-sena 1959, f'April, Dun Spiridione Sammut sab benefattur, Giuseppe Falzon li offra li jħallas għaliha. Malajr ordnaw waħda minn Bolzano u f'Novembru kienet diġà waslet Ħal Balzan u tqiegħdet għal ftit fid-dar tal-benefattur; imma dan miet waqt li l-istatwa kienet f'daru u ma laħaqx raha ħierġa proċessjoni f'Diċembru.[11]

## 25 sena ilu (1984)

Fis-sena 1984 ġiet inawgurata l-pittura ta' parti mill-knisja u tal-kappellun tar-Rużarju. Emvin Cremona kien inkarigat mill-pittura imma ma spiċċahiex kollha minħabba li marad. Paul Camilleri Cauchi kompla x-xogħol u parti mill-pittura ġiet inawgurata fit-23 ta' April u l-kappellun tar-Rużarju fid-29 ta' Mejju.[12]

Fil-21 ta' Ottubru tal-1984 beda x-xogħol ta' restawr fuq il-pittura ta' Giuseppe Calì li hemm fil-kor. Dan sar minn Alfred Briffa u tlesta f'Novembru ta' sentejn wara.[13]

**Referenzi:**


1 Borg, Vincent, *Marian Devotions in the Island of Saint Paul 1660-1800* Borg, Vincent (Ed.) (1983) p. 54

2 Dimech, Ġwann, *Ħal Balzan, Ġrajjietu sa l-1999* (2004) p.22, 70, 75, 82, 88, 109, 125, 144, 173

3 Dimech (2004) p. 111

4 Dimech (2004) p. 76

5 Ferres, Achille *Descrizione Storica delle Chiese di Malta e Gozo* (1866) p. 312, 512; Mifsud Bonnici, Robert, *Dizzjunarju Bijo-Bibljografiku Nazzjonali* (1960-1968) p.420; Grima, Joseph F. (Ed.) *Il-Knisja Parrokkjali ta' San Ġorġ Ħal Qormi* (2003) p.136; Terribile, Tony, *Teżori fil-Knejjes Maltin* III (2003) p. 28; Dimech (2004) p. 191

6 Dimech (2004) p. 41, 192

7 Ferres (1866) p.510; Guillaumier, Alfie *Bliet u Rħula Maltin* (1987) p.32; Dimech, Ġwann fi Schiavone, Michael *Il-Knejjes Parrokkjali u l-Festi Tagħhom* I (1993) p. 23, 31; Bonnici, Alexander u Grech, Joseph *Il-Kwadri Titulari tal-Parroċċi ta' Malta u Għawdex* (2000) p.18, 44; Guillaumier, Alfie, *Bliet u Rħula Maltin* I (2002) p. 28; Terribile (2003) p.x; Dimech (2004) p. 95, 200; Theuma, Giuseppi, *L-Arti fil-Knejjes minn Mitt Pittur Malti* (2006) p. 82

8 Terribile, Tony *Niċeċ u Statwi fit-Toroq Maltin* (2000) p.69; Dimech (2004) p.314

9 *Ħal Balzan* (Lulju-Awwissu 1976); Programm Festa Lunzjata, Balzan (1999) p. 19; Dimech (2004) p. 80, 211

10 Ellul-Galea, Karmenu *L-Istorja tat-Tarzna* (1973) p. 104; Dimech (2004) p. 127, 154, 215, 255; Theuma (2006) p. 116

11 Dimech (2004) p. 153, 215

12 Dimech (2004) p. 139-131

13 Dimech (2004) p. 97